

Brussell, 2 ta' Frar 2023
(OR. en)

5809/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0017(NLE)**

**TRANS 29
RELEX 103**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Frar 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 46 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq, fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u l-kontinwazzjoni tal-Ftehim

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 46 final.

Mehmuż: COM(2023) 46 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.2.2023
COM(2023) 46 final

2023/0017 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq, fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tal-Komitat Konġunt u l-kontinwazzjoni tal-Ftehim

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq iffirmat f'Lyon fid-29 ta' Ġunju 2022¹ (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"), rigward

- l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt f'konformità mal-Artikolu 7(6) tal-Ftehim;
- il-kontinwazzjoni tal-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 7(2) tiegħu.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Sommarju tal-Ftehim

Il-Ftehim għandu l-għan li jiffaċilita temporanjament it-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn u mill-Ukrajna u mill-Unjoni Ewropea, bl-għoti ta' drittijiet addizzjonali tat-tranżitu u tat-trasport tal-prodotti bejn l-Ukrajna u l-UE wara l-aggressjoni illegali kontra l-Ukrajna mir-Russja u t-tfixkil sinifikanti li għib magħha għall-modi kollha tat-trasport bit-triq fl-Ukrajna. Dan jinkludi wkoll miżuri li jiffaċilitaw ir-rikonnoxximent tad-dokumenti tas-sewwieqa. Bħalissa dan japplika sat-30 ta' Ġunju 2023.

Ġie stabbilit Kumitat Konġunt biex jissorvelja u jimmonitorja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim. Jiddeċiedi b'mod partikolari dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu u dwar il-kontinwazzjoni tal-Ftehim. Fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jiddeċiedi mhux aktar tard minn 3 xhur qabel l-iskadenza tal-Ftehim, jiġifieri mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2023. Skont l-Artikolu 7(5) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu b'konsensus.

2.2. Monitoraġġ tal-Ftehim

L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim introduċa obbligu għall-monitoraġġ tal-Ftehim permezz, b'mod partikolari, ta' rieżami perjodiku tal-funzjonament tiegħu fid-dawl tal-oġettivi tiegħu. F'dak il-kuntest, l-awtoritajiet Ukreni pprovdew lill-Kummissjoni b'*data* dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Din id-*data* tkopri b'mod partikolari t-tielet kwart tal-2022, jiġifieri l-ewwel tliet (3) xhur tal-applikazzjoni tal-Ftehim, u turi dan li ġej:

- **Il-Ftehim ikkontribwixxa b'suċċess biex jippermetti l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli Ukreni permezz tal-Korsiji ta' Solidarjetà.** Sal-1 ta' Awwissu 2022, il-Korsiji ta' Solidarjetà kienu l-uniċi kurituri kummerċjali disponibbli għall-Ukrajna għall-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli tagħha. Fl-ewwel xahar ta' applikazzjoni tiegħu (Lulju 2022), il-Ftehim ippermetta l-esportazzjoni ta' kważi nofs miljun tunnellata ta' prodotti agrikoli Ukreni – żieda sinifikanti meta mqabbla ma' 320,000 tunnellata esportati f'Ġunju 2022.
- Mill-1 ta' Awwissu 2022, l-Inizjattiva tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali iffaċilitat ukoll l-esportazzjoni ta' aktar ċereali, żrieragħ taż-żejt u prodotti relatati mill-Ukrajna minn tlieta mill-portijiet tal-Baħar l-Iswed tal-Ukrajna. **Il-Ftehim, madankollu, ikkomplementa l-esportazzjonijiet li jgħaddu mill-Baħar l-Iswed, u**

¹ ĠU L 179, 6.7.2022, p. 4.

b'hekk ikkontribwixxa għas-sigurtà globali tal-ikel u għall-ekonomija tal-Ukrajna. Tabilħaqq, l-esportazzjonijiet agrikoli bit-triq komplew jiżdiedu anke wara l-bidu tal-Inizjattiva tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali, u laħqu 640,000 tunnellata f'Ottubru 2022.

- **Il-Ftehim iffaċilita l-esportazzjoni ta' prodotti Ukreni oħra li mhumiex koperti mill-Inizjattiva tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali.** Fil-fatt, dan tal-aħħar ikopri biss iċ-ċereali, iż-żrieragħ taż-żejt u l-prodotti relatati. Għalhekk, il-Ftehim ippermetta l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli oħra, bħal-laħam tal-pollam u frott. F'Lulju, Awwissu u Settembru 2022, il-prodotti agrikoli mhux koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Inizjattiva tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali kienu jirrappreżentaw kważi nofs l-esportazzjonijiet agrikoli kollha mċaqalqa bit-triq.
- Il-Ftehim iffaċilita wkoll l-esportazzjoni ta' prodotti mhux agrikoli, b'mod partikolari prodotti industrijali, li ma jistgħux jiġu esportati skont l-Inizjattiva tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali. L-esportazzjonijiet mhux agrikoli bit-triq f'Ġunju, Lulju u Awwissu 2022 daħħlu aktar minn USD 1,6 biljun għan-negozji Ukreni, u pprovdew appoġġ tant meħtieġ għall-ekonomija tal-Ukrajna.
- Barra minn hekk, għad fadal ħafna inċertezzi dwar l-Inizjattiva tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali, li hija wkoll limitata fid-durata (estiża fit-18 ta' Novembru 2022 għal 120 jum addizzjonali). Fl-ispezzjonijiet ġew irrappurtati wkoll punti ta' konġestjonijiet, li jħeġġu lil ħafna partijiet ikkonċernati biex minflok jiddependu fuq il-Korsiji ta' Solidarjeta' – inkluż it-trasport bit-triq. F'dan il-kuntest, **il-Ftehim jipprovdni xibka ta' sikurezza għall-bdiewa u n-negozji Ukreni, kif ukoll għas-sigurtà tal-ikel globali.**
- Il-Ftehim awtorizza wkoll it-tranżitu ta' prodotti Ukreni (kemm agrikoli kif ukoll mhux agrikoli) bit-triq mill-UE lejn pajjiżi terzi. F'Lulju, Settembru u Awwissu 2022, il-Ftehim ippermetta l-esportazzjoni ta' prodotti Ukreni lejn pajjiżi terzi għal valur ta' aktar minn USD biljun, u b'hekk għab sors addizzjonali ta' introjtu għall-ekonomija tal-Ukrajna.
- Fl-istess ħin, **il-Ftehim għen lill-Ukrajna timporta l-prodotti li teħtieġ – bħall-ikel, l-għajnuna umanitarja jew l-enerġija.** Bħala eżempju, ir-Rumanija stabbiliet konvojs dedikati ta' trakkijiet biex iġibu f'juwil tant meħtieġ lill-Ukrajna.
- **Il-Ftehim kien ukoll ta' benefiċċju kbir għall-UE.** L-esportazzjonijiet mill-Istati Membri lejn l-Ukrajna jekk inqasblu l-perjodu bejn April u Ġunju 2022 qabel l-iffirmar tal-Ftehim (USD 4,222 miljun) żdiedu b' 38,3 % u l-perjodu bejn Lulju u Settembru 2022 immedjatement wara l-iffirmar tal-Ftehim (USD 5,849 miljun). L-esportazzjonijiet bit-triq mill-UE lejn l-Ukrajna jibqgħu oġġla mill-importazzjonijiet bit-triq lejn l-UE mill-Ukrajna. Il-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-impatt tal-importazzjonijiet fuq is-swieq tal-UE.
- Id-drittijiet mogħtija lit-trasportaturi Ukreni mill-Ftehim irriżultaw f'żieda ta' madwar 40 % fl-għadd ta' operazzjonijiet tat-trasport bit-triq mit-trasportaturi Ukreni fit-toroq tal-UE. B'mod aktar preċiż, f'Lulju, f'Awwissu u f'Settembru 2021 saru 106,641 operazzjoni tat-trasport bit-triq mit-trasportaturi Ukreni fit-toroq tal-UE meta mqabbla ma' 152,534 f'Lulju, f'Awwissu u f'Settembru 2022, li jirrappreżentaw żieda ta' 43 %.
- Il-Ftehim naqqas il-piż b'mod sinifikanti wkoll għall-industrija tat-trasport bit-triq tal-Ukrajna u għall-awtoritajiet tal-Istat fir-rigward tal-formalitajiet amministrattivi

relatati mal-ħruġ tal-permessi. Hu ta ukoll perspettiva fuq perjodu medju lil din l-industrija billi ppermetta ippjanar aħjar tal-attività tiegħu.

- Il-Ftehim ippermetta li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkollhom aċċess għal sistema għall-verifika tal-liċenzji tas-sewqan, li ttejjeb b'mod sinifikanti l-għlied kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni. Għadhom għaddejjen azzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-għodod ta' verifika għal-liċenzji tas-sewqan diġitali u ċ-ċertifikati ta' kompetenza professjonali.

2.3. Il-Kumitat Konġunt

L-Artikolu 7 tal-Ftehim stabbilixxa Kumitat Konġunt biex jissorvelja u jimmonitorja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim u jirrieżamina mill-ġdid perjodikament il-funzjonament tiegħu fid-dawl tal-oġġettivi tiegħu. Skont dik id-dispożizzjoni, il-Kumitat Konġunt huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet. Id-deċiżjonijiet tiegħu jittieħdu b'konsensus u huma vinkolanti fuq il-Partijiet.

Skont l-Artikolu 7(2), il-Kumitat Konġunt għandu jitlaqqa', mhux aktar tard minn 3 xhur qabel l-iskadenza tal-Ftehim, sabiex jivvaluta u jiddeċiedi l-ħtieġa għall-kontinwazzjoni tal-Ftehim, u d-durata tiegħu.

F'konformità mal-Artikolu 7(6) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt irid jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

2.4. L-att previst tal-Kumitat Konġunt fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tiegħu

Matul l-ewwel laqgħa tiegħu, il-Kumitat Konġunt irid jadotta deċiżjoni dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, f'konformità mal-Artikolu 7(5) u 7(6) tal-Ftehim. L-iskop tagħhom hu li jsostnu l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Kumitat Konġunt, sabiex jippermettu l-implimentazzjoni xierqa tal-Ftehim.

2.5. L-att previst tal-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim

Matul l-ewwel laqgħa tiegħu, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta deċiżjoni dwar il-kontinwazzjoni tal-Ftehim sal-31 ta' Diċembru 2025, f'konformità mal-Artikolu 7(2) u 7(5) tal-Ftehim.

Ir-raġunijiet għall-estensjoni huma diversi:

- L-ewwel nett, il-monitoraġġ tal-Ftehim wera li kellu rwol essenzjali fil-kuntest tal-Korsiji ta' Solidarjetà, u għalhekk ipprova għajjnuna vitali lill-bdiewa Ukreni u kkontribwixxa wkoll għas-sigurtà tal-ikel globali. Filwaqt li l-portijiet Ukreni tal-Baħar l-Iswed baqgħu mhux disponibbli, il-Ftehim iffaċilita l-esportazzjoni ta' ċereali, żrieragħ taż-żejt u prodotti relatati Ukreni permezz tat-triq. Minn meta ġiet stabbilita l-Inizjattiva tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali, l-esportazzjoni ta' ċereali Ukren permezz tat-triq kompliet tiżdied, u b'hekk kompliet tikkomplementa l-esportazzjonijiet permezz tal-Baħar l-Iswed.
- It-tieni, il-Ftehim iffaċilita l-esportazzjoni ta' prodotti mhux agrikoli Ukreni, mhux koperti mill-Inizjattiva tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali. Għalhekk għen biex l-ekonomija Ukrena tibqa' għaddejja.
- It-tielet, il-Ftehim iffaċilita l-esportazzjonijiet tal-UE lejn l-Ukrajna u għalhekk ipprova benefiċċji lill-UE. Dan ippermetta lill-Ukrajna timporta l-prodotti li teħtieġ mill-UE, b'mod partikolari l-enerġija u l-għajjnuna umanitarja tant meħtieġa.

- Ir-raba', il-Ftehim ma pproduċiex żieda drammatika fl-għadd ta' operaturi tat-trasport bit-triq Ukreni fit-toroq tal-UE. L-operaturi tat-trasport tal-UE għadhom isibuha bi tqila li jmorru fl-Ukrajna minħabba li t-trasport fit-territorju Ukren ħafna drabi mhuwiex kopert mill-kumpaniji tal-assigurazzjoni tal-UE u minħabba li x-xufiera tal-UE mhumiex ħerqana li jmorru fl-Ukrajna għal raġunijiet ovvji. Il-Ftehim għalhekk ma joħloqx theddida kompetittiva għall-operaturi tat-trasport tal-UE, u dan x'aktarx mhux se jinbidel matul il-perjodu li għalih qed tiġi proposta l-estensjoni.
- Il-ħames, jenħtieġ li l-Ftehim ifisser ukoll li mal-milja taż-żmien jiffaċilita r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, lil hinn mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra dan il-pajjiż.

L-estensjoni tal-Ftehim għandha għalhekk tinftiehem bħala tweġiba lill-Kunsill Ewropew li, fil-laqgħa tiegħu tal-20 u l-21 ta' Ottubru 2022 appella "lill-Unjoni Ewropea ser tkompli ttejjeb l-effiċjenza tal-Korsiji ta' Solidarjetà kollha" peress li "għamli possibbli l-esportazzjoni ta' volumi sinifikanti ta' għelejjel, prodotti agrikoli u fertilizzanti Ukreni lejn il-pajjiżi l-aktar fil-bżonn"².

Il-kontinwazzjoni tal-Ftehim sal-31 ta' Diċembru 2025 hija meħtieġa, minħabba li l-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw il-konklużjoni tal-Ftehim oriġinali għadhom jgħoddu, u probabbilment se jdumu jgħoddu għal xi żmien. L-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna qiegħda tintensifika, u l-biċċa l-kbira tal-osservaturi jipprevedu li din l-aggressjoni mhux se tintemm fil-futur qarib. Dan ifisser ukoll li t-trasport marittimu mill-Portijiet tal-Baħar l-Iswed jibqa' fraġli ħafna. L-Inizjattiva tan-NU tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali ġabet soluzzjoni parzjali. Madankollu, l-estensjoni ta' din l-inizjattiva hija fiha nnifisha inċerta u għalissa, l-ambitu tagħha għadu limitat għall-prodott agroalimentari u l-fertilizzanti. L-operazzjonijiet militari kontinwi fl-Ukrajna fin-naħat tal-Lvant u tan-Nofsinhar tagħha, u l-qerda assoċjata tal-infrastruttura tat-trasport fiż-żoni relatati, se jibqgħu fattur ta' limitazzjoni fil-futur prevedibbli, li jimpedixxi l-esportazzjonijiet tal-Ukrajna lejn is-swieq tradizzjonali tagħha.

Fl-aħħar nett, l-estensjoni tal-Ftehim se tippermetti li jitkompla l-appoġġ lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE fil-ġlieda tagħhom kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Għalhekk, il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa l-adozzjoni tal-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt meħmuża ma' din il-proposta.

4. BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet tal-Kunsill li jstabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim".

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede kkonċernata. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti

² Il-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew (l-20 u l-21 ta' Ottubru 2022); il-punt 15; EUCO 31/22 tal-21 ta' Ottubru 2022.

li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġislazzjoni adottata mil-leġislatur tal-Unjoni”.

Il-Kumitat Konġunt huwa korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq.

Id-deċiżjoni, li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta, tikkostitwixxi att b’effetti legali. L-ewwel nett, l-att previst dwar l-adozzjoni tar-regoli ta’ proċedura tal-Kumitat Konġunt se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu 7(5) u 6 tal-Ftehim; it-tieni, l-att previst dwar l-estensjoni tad-durata tal-Ftehim se jkun vinkolanti wkoll skont id-dritt internazzjonali, f’konformità mal-Artikolu 7(2) u (5) tal-Ftehim.

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim. Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta tal-Kunsill hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment incidental, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

L-oġġettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma relatati mat-trasport bit-triq.

Il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 91 tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Jixraq li d-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħha.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq, fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u l-kontinwazzjoni tal-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq³ (“il-Ftehim”) ġie ffirmat mill-Unjoni u japplika b'mod provviżorju mid-29 ta' Ġunju 2022.
- (2) L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt biex jissorvelja u jimmonitorja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim u jirrieżamina perjodikament il-funzjonament tiegħu fid-dawl tal-oġettivi tiegħu.
- (3) Il-Kumitat Konġunt irrid jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.
- (4) Kif stabbilit fl-Artikolu 6(1) tal-Ftehim, il-Ftehim għandu japplika sat-30 ta' Ġunju 2023. Madankollu, il-Kumitat Konġunt għandu jitlaqqa' wkoll sa mhux aktar tard minn 3 xhur qabel l-iskadenza tal-Ftehim, biex jivvaluta u jiddeċiedi l-ħtieġa għall-kontinwazzjoni ta' dan il-Ftehim.
- (5) Sabiex kemm l-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Ukrajna jkomplu jibbenefikaw mill-effetti pożittivi tal-Ftehim dwar l-iffaċilitar tat-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn u permezz tal-Ukrajna u l-Unjoni Ewropea u dwar l-iżgurar ta' Korsiji ta' Solidarjetà li jiffunzjonaw tajjeb fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jenħtieġ li dan jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2025.
- (6) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-Ftehim, jenħtieġ li r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt jiġu adottati.
- (7) Għalhekk, il-Kumitat Konġunt, irrid jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu u dwar il-ħtieġa għall-kontinwazzjoni tal-Ftehim, inkluż id-durata tiegħu.
- (8) Għalhekk jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura u l-kontinwazzjoni tal-Ftehim, peress li d-deċiżjonijiet tiegħu se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni,

³ ĠU L 179, 6.7.2022, p.4.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Komitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 7 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq (“il-Ftehim”), fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta’ proċedura tiegħu u l-kontinwazzjoni tal-Ftehim, inkluż id-durata tiegħu, għandhom ikunu bbażati fuq l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Komitat Konġunt kif mehmuż ma’ din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Komitat Konġunt jistgħu jaqblu ma’ tibdiliet minuri fl-abbozz ta’ Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Id-deċiżjoni tal-Komitat Konġunt għandha tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President